Toni Abela
# Din il-ħajja ordinarja

*Illum*, 24 ta' Jannar, 2010 - Nr 170

Il-politiċi għandhom it-tendenza li biex jidhru li qegħdin jiddwellaw fuq il-palk nazzjonali, jinsew il-problemi li jkunu għaddejjin minnhom il-ħafna li jkun hemm fost l-udjenza. Kull persuna għandha storja x'tirrakkonta, bis-sabiħ u bl-ikrah li tkun għaddejja minnha.

Mingħajr ma ninħass pessimist hu l-ikrah li l-aktar ikidd lin-nies ordinarji. Il-ferħ, jiġi minn fejn jiġi, iżommuh għalihom, mentri mhux hekk bl-ikrah. Iridu lil min jismagħhom u aktar minn hekk iridu lil min jagħtihom soluzzjoni. Fil-fehma tiegħi hawn fejn ifallu l-gvernijiet.

Waqt li kull min hu fil-gvern irid jidher li qiegħed jagħmel affarijiet kbar, fejn naf jien, inawgurazzjonijiet ta' xi pjazza, konferenzi dwar pjanti ta' proġetti straordiarji li wara ftit insibu li ma jistax isir jew isir mod ieħor, taħt din il-qoxra ta' esibizzjoniżmu politiku, hemm ir-realtà ta' kuljum li ma nisimgħux biha.

Mhux għax mhix importanti iżda għax ma ġġibx magħha riżultat politiku li jista' jkun pubbliċizzat jew li jixxintilla. Dawn li se nsemmi huma biss parti żgħira mir-realtajiet li jgħixu fihom dawk il-persuni li huma "ordinarji."

Joseph hu żagħżugħ ta' 26 sena. Hames snin ilu marad serjament bil-kliewi. Wara li min jimpjegah issaportih sal-massimu li tippermetti l-liġi ġie ssensjat. Ovvjament dan ried jgħix. Meta mar biex jirċievi xi forma ta' servizz soċjali ħa l-akbar qatgħa ta' ħajtu. Infurmawh li ma kien intitolat għal xejn għax min ħaddmu ma kienx ħallaslu xi bolol minkejja li l-ħlas tagħhom dejjem inqata' mill-paga tiegħu.

Missieru ried iħallaslu dak li kien hemm nieqes, iżda mid-Dipartiment tal-Gvern infurmawh li kien kollu għalxejn għax il-Liġi hi li hi. Hames snin wara Joseph għadu jmur darba iva u darba le l-isptar għall-magna tal-kliewi, mhux tajjeb għax-xogħol u jrid jgħix b'dik in-naqra li jieħu mingħand il-ġenituri tiegħu.

Mary daħlet l-isptar b'uġigħ fl-istonku. Marret id-dar għax suppost fejquha. Wara ftit taż-żmien bdiet tħoss uġigħ insopportabbli f'sieqha tax-xellug. Tant ma felħitx li f'mument ta' disprament riedet anke taqta' saqajha b'sikkina tal-kċina. Mary issostni li ħadet marda mill-isptar. Daħħluha mill-ġdid u ħarġet b'sieq waħda. Kellhom jamputawlha dik li kienet qed tkiddha.

Marret biex titlob servizz soċjali relatat ma' din id-diżabbiltà. Infurmawha li jekk ma tkunx twieldet bid-diżabbiltà ma kinitx intitolata għal dan is-servizz soċjali. Wara li qatgħulha sieqha bil-pulit qatgħulha qalbha biex tgħix.

Katerina għandha 69 sena. Żewġha Pietru sa ftit ilu kien għadu tajjeb. F'temp ta' sena ġismu ċeda. Tatu puplesija u ma jistax jiċċaqlaq mis-sodda. Għall-ewwel żammitu d-dar. Iżda kienet qisha qed tieħu ħsieb tarbija. Tqandel, taħslu, tbiddillu u toqgħod b'seba' għajnejn li jieħu l-mediċini kollha. Anke hi għajjiet. Minn hawn u minn hemm daħħlitu San Vincenz De Paule, għax flus taħt rashom ma għandhomx biżżejjed biex tieħdu f'djar tal-anzjani privata.

Skopriet li l-pensjoni kontributorja naqsitilha għax kienu qegħdin jaqtgħu mill-pensjoni talli żewġha qiegħed f'San Vinċenz. Mhux hekk biss, iżda min-naqra flus li kellhom fil-bank u li ġemmgħu bl-għaraq ta' ġbinhom, l-imgħaxijiet qegħdin jitnaqqsu bil-15 fil-mija. Sabet ruħha fuq skoll li qatt f'ħajjitha ma kienet taħseb li ser tiltaqa' miegħu. Illum qiegħda d-dar waħedha, tħabbel rasha kif se twassal sal-aħħar tax-xahar bin-naqra li ddaħħal.

Ma' Joseph iltqajt l-isptar waqt li kien ħiereġ mill-kura ma' missieru. Bħalu hawn mijiet. Ma' Mary iltqajt f'okkażjoni politika fiċ-Ċentru Laburista tas-Siġġiewi u amputati bħalha hawn 'il fuq minn 4,000. Lil Katrina sirt nafha meta waqqfitni fit-triq biex tiddiskrivili l-qagħda tagħha, u bħalha hawn mijiet.

Issa tistgħu tgħidluli kif Joseph, Katrina u Mary qegħdin jaraw is-sitwazzjoni tagħhom titjieb bil-fanfarunati tal-politiċi u bil-ħafna ċerimonji kollha pompa li jsiru?

---